MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 271/2009

**A B C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu f’Malta nhar l-20 ta’ Settembru 1988 u miz-zwieg taghhom kellhom tifel E C li llum hu maggorenni;

Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u

ingurji gravi kommessi kontriha mill-intimat, u minhabba li tkissret irrevokabilment kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet, talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skond il-Ligi (Dok. A);

Illi l-esponenti soffriet vjolenza fizika u morali min-naha tal-intimat. Il-vjolenza kompliet kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni kif ukoll l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju fil-konfront taghha oltre t-torturi addebitati kif hawn fuq premess.

Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex issehh ir-rikonciljazzjoni u meta r-rikonciljazzjoni ma saritx, hija ppruvat tasal ghal separazzjoni personali konsenswali, izda l-intimat ma kkooperax u issa hu cert li ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti:

M'ghandhiex tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li l-intimat ikkommetta kontra martu l-esponenti, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

M'ghandux l-imsemmi intimat jigi kkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, u tnaqqis mill-paga tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti;

Minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti minflok tillikwida retta alimentarja perjodika ghall-esponenti *in toto* jew *in parte*, tillikwida somma kapitali u/jew tassenja proprjeta' immobiljari lill-esponenti bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 54 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

M’ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) *in toto* jew *in parte*;

M’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida il-beni formanti parti l-istess komunjoni okkorrendo b’opera ta’ perit nominandi, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att u billi tinkludi fis-sehem spettanti lill-attrici sehem l-intimat mid-dar matrimonjali tal-partijiet.

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-proceduri inkorsi fl-istadju ta’ medjazzjoni u fl-atti tad-digrieti 288/09, 684/09 u 1023/09 kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, D C ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Fatti

Il-partijiet f’din il-kawza zzewgu fl-1988. Ghandhom tifel wiehed, illum maggorenni. Ilhom jghixu mifruda zmien konsiderevoli. L-istorja ta’ dan iz-zwieg hija wahda mifnija bil-vizzju tal-loghob tal-azzard li ghandu r-ragel, flimkien ma’ hbiberji extra-maritali li kontinwament kellu. Dawn iz-zewg fatturi kienu l-kawza tal-falliment taz-zwieg u l-Qorti ma ghandha ebda raguni tiddubita dak li ssostni l-mara stante ukoll illi huwa sorrett mid-diversi affidavits minnha prodotti u li kollha jikkonfermaw ic-cirkostanzi ta’ dan iz-zwieg kif qalet il-Qorti fil-kawza “**Elisa Thompson vs**

**Edward Thompson**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-12 ta' Mejju, 1925):

"*Issa kif inhu pacifiku "perche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessario che concorrono gle eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale.*"

Imbaghad fil-kawza "**B Gauci vs Salvatore Gauci**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-1 ta' Ottubru, 2002):

"*... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V. Grech et noe" (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVIII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". (Rosina Micallef vs Angelo Micallef, Prim'Awla deciza – 27 ta' Gunju 1964).*"

Din il-Qorti kellha ukoll diversi okkazjonijiet tesprimi fehma dwar il-vizzju tal-loghob tal-azzard u l-konsegwenzjali tieghu. Huma kawza ohra, bhal ma hu l-vizzju tax-xorb bla razan, li inevitabbilment iwasslu ghall-firda.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti hija konvinta li l-kawza tal-firda f'dan iz-zwieg kien l-agir tar-ragel.

<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Ma ngabet lill-Qorti ebda prova dwar assi tal-komunjoni ghajr ghall-mobbli fid-dar matrimonjali. Il-Qorti tordna li dawn jigu assenjati lill-mara. Il-Qorti tordna ukoll li r-ragel

jirritorna lill-mara l-oggetti personali tad-deheb taghha li huma 9 crieket, 2 gizirajjen, lucky charm, pendent forma ta' qalb, salib, ankra, 4 pari msielet, 2 fili u brazzuletta hoxna. Dawn kienu ttiehdu mir-ragel u ntuzaw minnu bhala rahan ghad-dejn. Ghandhom jigu ritornati lilha.

Galadarba d-djun li hemm huma kollha konsegwenzjali tal-vizzji tar-ragel, dan ghandu jitghabba wahdu b'kull dejn tal-komunjoni ezistenti sal-lum.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens illi tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel;

2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taghti fil-konfront tal-komunjoni l-ordnijiet kif elenkati aktar 'il fuq fil-paragrafu intitolat "Komunjoni tal-Akkwisti";

3. Tordna li fil-konfront tar-ragel jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn D C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------